MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Numru. 401/2006

Il-Pulizija
(Spettur Walter Spiteri)

vs

Frances Azzopardi

Il-Qorti,

Rat li l-imputata, Frances Azzopardi mart Carmelo u bint Joseph Caruana u Grezia nee’ Vassallo imwielda Qormi fis-17 ta’ Lulju 1943 u residenti Blokk 1, Flat 8, Vjal de la Cruz, Qormi u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 474343 (M) giet imressqa quddiemha akkuzata talli:

1. F’ Hagar Qim, limiti tal-Qrendi matul il-lejl tal-10 u 11 ta’ Frar, 2006, iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf

li ma kienx sar, inkella b’ qerq holqot it-tracci ta’ reat b’ mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, bi ksur tal-Artikolu 110 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Ma obdietx l-ordnijiet legittimi ta’ ufficjali tal-Pulizija li kienu inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallievthomx jew fixkilthom waqt li kienu jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b’ xi mod iehor, bla jedd, indahlet fi dmirijiethom, billi ma hallievthomx jaghmlu dak li b’ Ligi kienu ordnati jew jistghu jaghmlu, jew billi gabet fix-xejn jew hassret dak li huma kienu ghamlu skond il-ligi, bi ksur tal-Artikolu 338 ee tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta’ Mejju 2006 (esebit a fol. 10 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tal-11 ta’ Lulju 2006 iddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz jirrigwardaw incident li sehh fil-lejl ta’ bejn l-10 u l-11 ta’ Frar 2006 f’Hagar Qim limiti tal-Qrendi. L-imputata flimkien ma uliedha Joseph u Ritienne u l-partners taghhom kienu qeghdin jieklu f’restaurant f’Hagar Qim u jidher li nqala’ xi argument u kien hemm xi glied fejn sussegwentement issejhu fuq il-post il-Pulizija tad-Distrett, membri tal-SAG kif ukoll xi pulizija mill-Mobile Squad. Iben l-imputata, Joseph Azzopardi gie arrestat mill-Pulizija. Mill-provi rrizulta li waqt li kien qed jigi arrestat iben l-imputata din tal-ahhar bdiet tghajjat u taghmel xi storbju (ara xhieda ta’ PS 849

Ivan Curmi inserita a fol. 22 u 23 tal-process), hija bdiet tghajjat u tghid kliem hazin u tistaqsi lill-Pulizija ghalfejn kienu qed jaqbdu maghhom u jarrestaw lil binha (ara xhieda ta' PC 233 Adrian Chetcuti inserita a fol. 25 u 26 tal-process), hija bdiet ittellef lill-Pulzija milli jaghmlu xogholhom billi bdiet tidhol fin-nofs waqt li huma kienu qed jippruvaw jarrestaw lil binha Joseph Azzopardi u meta marru l-policlinic tal-Furjana l-imputata bdiet tisfida lil Pulizija ghall-glied (ara xhieda ta' PC 1241 Christopher Farrugia inserita a fol. 27 u 28 tal-process u dik ta' PC 402 Joseph Scerri inserita a fol. 29 u 30 tal-process).

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-ewwel akkuza l-imputata tinsab akkuzata bir-reat kontemplat fl-Artikolu 110 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li ddenunzjat lil Pulizjia reat li kienet taf li ma kienx sar jew bil-holqien ta' tracci ta' reat sabiex jidher li kien sar reat. Il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f' dan il-kaz u jidrilha li ma ngabet ebda prova li tindika li l-imputata fil-fatt tista' tinstab hatja tal-imsemmi reat. Mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputata u esebita a fol. 17 u 18 tal-process jirrizulta li hija kienet qalet li waqt li binha Joseph Azzopardi kien qed jigi arrestat kien hemm xi Pulizija li bdew jaghtuh bis-sieq u jghidulu li ser jaghmlu affarijiet indecenti lil martu. Jidher li l-Prosekuzzjoni qed issus il-kaz taghha in kwantu jirrigwarda l-ewwel akkuza propju abbazi ta' dawn il-kliem li ntqalu b'mod generiku mill-imputata meta din giet mistoqsija tghid x'kien gara fl-incident li nqala' f'Hagar Qim. Il-Qorti jidirlha li ma jikkonkorrux l-elementi rikjesti mill-Ligi sabiex jista' jinghad li jissussisti r-reat kontemplat fl-Artikolu 110 anki ghaliex bl-ebda mod ma rrizulta li l-imputata iddenunzjat xi reat li kienet taf li ma sarx lil Pulizija, u cioe' ma ngabitx il-prova li hija ghamlet rapport lil Pulzija dwar reat jew li hija kienet taf li dak li rrapurtat effettivament ma kienx sehh.

Il-Qorti jidrilha li l-ewwel akkuza ma gietx pruvata fil-konfronti tal-imputata u ghalhekk hija qed tigi liberata mill-istess akkuza.

In kwantu jirrigwarda t-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputata, u cioe' il-kontravenzjoni kontemplata fl-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta ampjament pruvat mill-esposizzjoni tal-provi li saret fil-paragrafi precedenti li l-imputata pruvat itellef lill-Pulizija fl-ezekuzzjoni ta' xogholhom meta bdiet tidhol fin-nofs u tipprova timpedixxi lill-Pulizija milli jarrestaw lil binha u sussegwentement bdiet tisfidahom ghal glied.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess akkuza u wara li rat l-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti taghha u tikkundannaha ammenda ta' tmienja u hamsin Ewro (€58).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------